**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 12 ta' Novembru 2020**

**Rikors Konġunt Numru : 54/2020 JPG**

**Kawza Numru : 18**

**SB**

**U**

**BB**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors konġunt tal-partijiet datat 12 ta' Frar 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet iżżewġu fit-tnax (12) ta' Settembru, 1992 (ara ċertifikat taż-żwieġ anness u mmarkat Dok A) u minn dan iż-żwieġ il-partijiet kellhom tliet ulied, AB, mwieled nhar X, u tewmin CB u DB imwielda Y. Għaldaqstant l-ulied illum huma lkoll maġġorenni;*

*Illi l-partijiet isseparaw bonarjament permezz t'att pubbliku datat 23 ta' Mejju, 2013, ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Reuben Debono (ara kuntratt anness u mmarkat Dok B);*

*Illi l-attur, skont kif stipulat fi klawżola 3 tal-istess kuntratt, għadu jivversa s-somma ta' €30 fix-xahar bħala manteniment fil-konfront tal-konvenuta;*

*Illi llum il-ġurnata l-attur ma għadx għandu l-obbligu li jħallas manteniment fil-konfront tat-tliet ulied u dan stante li t-tliet ulied illum huma lkoll maġġorenni u b'impjieg fiss;*

*Illi dawn il-fatti kif su-indikati jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib ta' divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Għaldaqstant, fid-dawl tal-fatti hawn esposti, l-esponenti konġuntivament jitolbu bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet u dan sabiex jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**SB** xehed bil-ġurament (fol 12) illi huwa iżżewweġ lil martu fit-12 ta' Settembru 1992 u li minn dan iż-żwieġ twieldu tliet it-tfal, ilkoll maġorenni u jaħdmu. Iż-żwieġ ma irnexxiex u l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni fit-23 ta' Mejju 2013. Minn dik id-data tal-kuntratt ta' separazzjoni personali 'l hawn, il-partijiet qatt ma għexu flimkien, u lanqas hemm prospett ghal rikonciljazzjoni. Il-manteniment dovut dejjem tħallas.

**BB** xehdet bil-ġurament (fol 14) u ikkonfermat u ikkoraborat dak li xehed żewġha **SB.**

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-12 ta' Settembru 1992 (dok A fol 2) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom tlett tfal, ilkoll maġorenni u jaħdmu.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Reuben Debono, datat 23 ta' Mejju 2013 (vide Dok. B fol 3 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**